**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 - L-ERBGĦA 24 TA' SETTEMBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand mingħand il-Kunsillier Brincat kif ukoll mingħand il-Kunsillier Abela li taw ir-raġuni tagħhom għalfejn ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom ġustifikabbli.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem com* wara proposta mill-Kunsillier Cuomo issekondata mis-Sindku.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Nhar il-25 ta' Awwissu hija kellha l-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana li għaliha kienu preżenti wkoll il-Ministru Aaron Farrugia, il-Kap Eżekuttiv tal-Wasteserv u Vanya Veras, rappreżentanta mill-Municipal Waste Europe. Dawn iddiskutew l-inċineratur fil-Magħtab.

3.3 Is-Sindku flimkien mal-Kumitat tal-Finanzi kellhom laqgħa ma' sidien ta' għalqa ħdejn il-Mitħna tal-Għaqba kif kien maqbul mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti biex tinxtara parti mill-għalqa bħala terz ta' *buffer zone* mal-mitħna. Wara negozjati, intlaħaq ftehim li din il-parti tal-art tinxtara għal prezz ta' €30,000.

3.4 Fid-9 ta' Settembru kellha laqgħa ma' NGO, Project Aegle Foundation dwar possibiltà ta' proġetti ta' Mobilità Sostenibbli. Is-Sindku rreferiet id-dettalji lill-Kunsillier Gatt minħabba li huwa l-Kunsillier responsabbli.

3.5 Fil-15 ta' Settembru kienet skedata laqgħa bejn il-Kunsill u l-Ministru tal-Ambjent. Ftit minuti qabel il-laqgħa, il-Kunsill kien infurmat li l-Ministru mhux se jkun preżenti għal-laqgħa u għalhekk is-Sindku pposponiet din il-laqgħa.

3.6 Fit-18 ta' Settembru saret laqgħa mar-residenti fi Sqaq l-Imnieqa dwar permess pendenti għall-bini ta' dar tal-anzjani f'żona ODZ. Bħal dejjem il-Kunsill huwa kontra żvilupp fuq art ODZ.

3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li tkellmet mad-Direttur tal-Animal Welfare dwar applikazzjoni għall-fondi li l-Kunsill kien issottometta ftit taż-żmien ilu. Huwa nfurmaha li l-applikazzjonijiet għadhom qed jiġu evalwati.

3.8 Is-Sindku fakkret li l-Kunsill ingħata fondi Ewropej biex jirrestawra żewġ statwi; ta' San Ġużepp u tal-Madonna tal-Karmnu. Min-naħa tal-Knisja saret applikazzjoni mal-PA għar-restawr tal-istess statwi permezz ta' fondi minn sponsor. Minħabba l-fondi tal-Kunsill huma fondi Ewropej, ma' jistgħux jintużaw għal xogħol ieħor. Hi jidhrilha li l-Knisja setgħat tuża l-fondi tagħha għal xogħol ieħor minħabba li dawn ingħataw bħala donazzjoni. Għalhekk il-fondi tal-Kunsill issa huma fondi mitlufa. Il-Kunsill qiegħed f'komunikazzjoni mal-Awtorità ta' l-Artijiet dwar dan il-każ biex jingħata direzzjoni.

3.9 Is-Sindku infurmat li tinsab f'komunikazzjoni mal-Greenpak dwar it-tindif u tbattil tal-Bring in Sites minħabba li ħafna drabi, speċjalment fi tmiem il-ġimgħa, qed ikunu mimlijin. Huma kienu qed jirrakkomandaw li jiżdiedu tliet bins fi Wesgħet il-Frott iżda l-Kunsill ma qabilx li għandu jżid f'dik il-parti għaliex inqqas il-parkeġġ għar-residenti. Is-SE spjega li wieħed għandu jifhem li fin-Naxxar hawn ftit bring in sites biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-lokalità. Huwa ħeġġeġ biex il-Kunsill jikkonsidra possibiltajiet oħra għal żoni oħrajn, anki jekk kellu jkun hemm biss reċipjent għall-ħġieġ biss. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-iskema dwar din il-kwistjoni.

3.10 Is-Sindku esprimiet ix-xewqa li ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-Kumitati tal-baned, tan-nar u tal-festa individwalment. Il-Kunsill qabel li tinstab ġurnata u jsiru kollha wara xulxin fl-istess ġurnata.

3.11 Dwar Ġnien Santa Marija tal-Anġli, hija infurmat lill-Kunsill li tinsab f'kuntatt mal-inġinier responabbli mill-manutenzjoni. Huwa infurmha li programm ta' xogħol qed ikun ippjanat għal soft rubber tiles, il-fencing fejn hu mkisser, żebgħa fuq il-bankijiet u l-gazebo u irrigation manwali. Il-Kunsill ħa r-responsabbiltà ta' *landscaping* ta' dan il-ġnien u jsir spiss. Fis-7 ta' Settembru sar ukoll xogħol fi Triq Anton Manuel Caruana li mhuwiex fir-responsabbiltà tal-Kunsill fejn inżabru siġar li kienu qed jisporġu u jimblikkaw il-bankina.

3.12 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li wasal biex jibda' x-xogħol ta' kostruzzjoni ta' Triq il-Forġa. Is-sinjali tan-No Entry twaħħlu minn Infrastructure Malta bħal

preparazzjoni għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li għal dawk il-ħwienet li se jkunu imblukkati temporanjament minħabba x-xogħol, jistgħu jitħallew iwaħħlu tabelli ta' direzzjoni għan-negozji tagħhom mingħajr ħlas.

3.13 Rigward komunikazzjoni dwar Triq San Pawl, hija infurmat lill-Kunsill li bħala *sewers*/dranaġġ IM niżlu 3 metri fond. Wara se jitkompla x-xogħol fuq l-*istorm water* u wara jsir it-tarmak. *Il-Parking bays* se jsiru tal-konkos u se jsir *scarifying* fin-nofs tat-triq. Ir-residenti ta ħdejn l-għalqa se jkollhom fergħa tad-dranaġġ indipendenti biex ma jkunx hemm *crossings*. Minn Triq il-Markiż Scicluna se jsir sprall biex jeliminaw ħafna mill-ilma ta' wiċċ it-triq.

3.14 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Ħamis 24 ta' Settembru filgħaxija se jsiru mmarkar ta' *zebra crossing* u linji f'parti mit-Telgha t'Alla w Ommu. Dan se jsir matul il-lejl. Il-Kunsill se jidħol fi spejjeż addizzjonali biex ix-xogħol isir matul il-lejl biex ma jitfixkilx it-traffiku matul il-jum.

3.15 Is-Sindku infurmat li wara l-maltemp ta' ġimgħa qabel, kien waqa' ċint fi Ġnien il-Ħamrija li ma' kienx inbidel waqt li kien qed isir ix-xogħol. Hija infurmat li dan kien se jerġa jinbena it-Tnejn 28 ta' Settembru.

3.16 Dwar ix-xogħol fuq il-Mitħna, s-Sindku infurmat li bdew ix-xogħlijiet ta' finishing u tkompla x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata. Hemm differenza mir-restawr li kien sar minħabba li issa hemm id-direzzjoni tas-Sovratendenza tal-Wirt Kulturali. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand l-Awtorità tal-Artijiet fuq it-talba tal-Kunsill għal erba' metri ta' bufferzone madwar il-mitħna.

3.17 Is-Sindku infurmat li beda l-proċess mal-Planning Authority biex issir statwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-ġnien ta' Triq Jules Venre. Din se ssir mil-Leġjun ta' Marija – Irġiel iżda l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet kellha ssir mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.18 Is-Sindku fakkret lill-Kunsill dwar dar għal bejgħ biswit il-Kunsill. Fakkret ukoll li kien hemm opportunità li kull Kunsillieri imur jaraha. Il-persuni li raw din id-dar huma s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Marlon Brincat u Mark Deguara. Hija infurmat ukoll li l-perit kien ta rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex tinxtara għaliex jidhirlu li fiha potenzjal. Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux jidħol għal dan l-investiment. Ir-reazzjoni kienet imħallta u finalment kien konkluż li la darba l-propjetà mhux qed tinbih bl-art b'kollox (minħabba li hemm garaxx taħtha ta' terzi) allura l-potenzjal huwa limitat ħafna u Il-Kunsill m'għandux jipproċedi aktar bil-konsiderazzjoni tiegħu dwar ix-xiri.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI TA' ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji inkluż il-lista ta' pagamenti immarkata Seduta tal-laqgħa numru 8/18 u tkopri d-dati bejn is-6 ta' Awwissu u s-16 ta' Settembru.

5.2 Il-Kunsill approvahom (*nem com*) wara proposta mill-Kunsillier Gatt issekondat mill-Viċi Sindku. Il-lista tal- pagamenti kif anness f'appendiċi A kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi B, Ċ u D rispettivament.

## 6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

6.1 Is-SE ressaq ir-rapport mil-laqgħa tas-sottokumitat Talbiet u Lmenti li saret fis-16 ta' Settembru.

6.2 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta Tal-Kunsillier Mark Deguara ssekondat mill-Kunsillier Cuomo (anness f'E).

## 7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fis-16 ta' Settembru. Dawn jinkludu numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

7.2 Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet kollha f'dawn il-minuti wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

## 8. POLICY DWAR IL-KIOSKS FIT-TOROQ

8.1 Is-Sindku rreferiet lill-Kunsill għall-minuti tal-Kumitat tal-Finanzi fejn kien qiegħed jiġi rakkomandat li l-Kunsill joħloq policy dwar *street hawkers* li joqgħodu f'post fiss.

8.2 Hija pproponiet sotto-kumitat biex jabbozza policy bl-għajnuna legali. Din tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill li tkun applikata jekk u meta l-Kunsill ikun avviċinat permezz ta' talbiet għal permessi relatati. Dan għandu jistabbilixxi l-kriterji ta' meta l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u anki jidentifika siti fejn ma jkun hemm oġġezzjoni qatt.

8.3 Hawnhekk is-SE kjarifika u spjega l-liġi tal-i*street hawkers*. Huwa informa lill-Kunsill ukoll li, għall-kuntrarju ta' dak li kien isir qabel, l-Enemalta, qed tagħti arloġġ tad-dawl temporanju lil min japplika biex joqgħod f'post fiss u dan mingħajr ma tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill kif kien isir qabel.

8.4 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jkollu pożizzjoni fl-interess tar-residenti u negozji fin-Naxxar li ħafna minnhom ikunu għamlu investimenti kbar ħafna.

8.5 Il-Membri tas-sotto-kumitat huma: is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Spiteri u l-Kunsillier Mark Deguara.

## 9. IRREGOLARIJIET FIT-TOROQ MATUL IL-FESTA

9.1 Is-Sindku esprimiet id-dispjaċir tagħha dwar li fatt li għalkemm il-Kunsill, b'responsabbiltà lejn is-saħħa tar-residenti u l-pubbliku inġenerali, ma' ħariġx permessi relatati mal-festa ta' din is-sena, il-Każini sfortunatament injoraw dan.

9.2 Is-Sindku pproponiet li tintbgħat ittra lill-kazin li tiddeplora dan l-aġir. Hija kienet issekondata mill-Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel *nem con*.

## 10. RENDIKONT TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI

10.1 Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera biex sal-laqgħa li jmiss jibgħatula r-rapport ta' ħidma tagħhom u bl-ideat ta' dak li għandhom fi ħsieb li jwettqu.

## 11. BYE LAW DAWR ATTIVITAJIET FIL-BERAĦ

11.1 Is-SE informa li, skont kif talab il-Kunsill stess, kienet ġiet imħejjija abbozz ta' bye law dwar attivitajiet fil-beraħ li tindirizza wkoll il-kwistjoni tal-caravans. Huwa għalhekk ippreżenta abbozz bil-Malti u bl-Ingliż lil kull Kunsillier. Huwa informa li issa l-Kunsill irid jistenna mhux inqas minn erba' u mhux aktar minn tmien ġimgħat biex jiddiskuti u japprova l-abbozz. Wara dan iridu jintbagħatu għall-approvazzjoni tal-Ministru.

11.2 Dan l-abbozz kien qiegħed ikun propost mis-Sindku u ssekondatat mill-Viċi Sindku.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:10.

12.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Otubru fis-17:45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |